MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2015

Numru. 300/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Dennis Theuma)**

**vs**

**Maria Carmela Grech**

**(ID 314858(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata Maria Carmela Grech ta’ 50 sena, bint Joseph u Clementa nee` Abela, imwielda l-Pieta` fis-27 ta’ Marzu 1958, residenti No. 16, Triq Guliermu, Bormla, detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 314858(M);

Akkuzata talli f’dawn il-Gzejjer fit-22 ta’ Dicembru 2006 u fil-jiem ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer:

1. Kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta minghajr ma kienet fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-raba’ u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza, u minghajr ma kellha licenzja jew kienet xort’ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni l-istess droga u meta ma kinitx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

2. Talli minghajr l-awtorita` legittima, dahhlet jew ippruvat iddahhal f’xi parti tal-konfini tal-habs u cioe` fil-Facilita` Korrettiva ta’ Kordin, oggetti jkunu li jkunu specifikatament medicina perikoluza (droga eroina), liema oggett huwa pprojbit u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-regolamenti maghmula taht l-istess ligi.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni ta’ l-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex dan il-kaz jinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, kif ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) tal-Kap. 9, sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat illi waqt l-ezami taghha ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputata wiegbet illi m'hijiex hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha;

Rat illi fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2013, il-partijiet iddikjaraw li kienu qed jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' mill-gdid il-provi mismugha sa dakinhar quddiem il-Qorti, kif diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar il-Gimgha, 22 ta' Dicembru 2006, ghall-habta tal-10.00a.m. jew l-10.30a.m., fis-sezzjoni maghrufa bhala 'Id-Debituri' gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, thallew *quilt*, *jeans* u xi kalzetti ghall-prigunier Alan Grima ma' CO 171 Paul Borg Bonaci u wara li saret tfittxija kemm fil-*jeans*, kif ukoll fuq il-*quilt*, anke billi ntuza kelb waqt din it-tfittxija, din tat ezitu negattiv u allura dawn l-oggetti thallew gewwa l-istess sezzjoni sabiex eventwalment jittiehdu fid-divizjoni lill-prigunier. Ftit tal-hin wara, CO 180 Mario Ellul mar gewwa 'Id-Debituri', staqsa dwar dawn l-oggetti lil CO 171, f'liema mument indikalu li kellu suspett illi fil-*quilt* kien hemm id-droga u talab li jinghata l-istess oggetti, ghaliex kellu ordni li jehodhom mieghu ghal tfittxijiet ulterjuri. Sussegwentement, minn tfittxija ulterjuri fuq dawn l-oggetti u specifikatament fil-*quilt*, CO 180 Mario Ellul, CO 92 Ivan Bugeja u ASCO Carmel Cachia sabu borza tad-drapp li kienet tikkontjeni trab kannella.

Skond ir-relazzjoni tal-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut**[1], mahtur fil-mori tal-inkjesta li saret dwar dan il-kaz, jirrizulta illi minn estratt mehud mit-trab ta' lewn kannella fid-dokument moghti lilu ghall-analizi, instabet is-sustanza eroina. Il-piz ta' dan it-trab kien ta' 2.28 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 19%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jirrizulta mix-xhieda ta' **CO 171 Paul Borg Bonaci** moghtija minnu fil-mori tal-inkjesta[2] fis-26 ta' Dicembru 2006, li fiz-zmien in kwistjoni kien impjegat bhala *Correctional Officer* gewwa s-Sezzjoni Debituri, illi l-Gimgha filghodu ghall-habta tal-10.00 a.m. marret mara (li ma kienx jaf x'jisimha) u hadet *jeans* u *quilt* f'borza. Minn tfittxija li ghamel f'dawn l-oggetti, inkluz bl-uzu ta' kelb, ma rrizultalu xejn. Huwa cempel gewwa Divizjoni 13, informa lill-Ufficjal li kien hemm xi hwejjeg ghal prigunier f'dik id-divizjoni u wara ftit mar CO 180 Mario Ellul. Dan staqsieh jekk kienx hemm xi hwejjeg ghall-prigunier Alan Grima u staqsieh ukoll jekk fost dawn il-hwejjeg kienx hemm xi *quilt* u meta x-xhud ikkonfermalu dan, Ellul wiegbu li fil-*quilt* kien hemm id-droga. Jirrizulta wkoll minn din ix-xhieda, illi ghalkemm ix-xhud qal lil Ellul sabiex ihalli l-oggetti hemmhekk biex issir tfittxija ohra, dan wiegbu li ma kienx ser ihallihom hemm ghaliex kellu ordni xort'ohra. Skond ix-xhud, Ellul qallu wkoll biex lill-Magguri Agius u Fabri fis-sezzjoni Debituri ma jghidilhom xejn u rega' qallu li zgur kien hemm id-droga fil-*quilt.* Ix-xhud ghadda l-hwejjeg kollha li kien hemm fid-diversi garzelli lil Ellul u immedjatament informa lill-Maggur Agius b'dak li kien ghadu kif sehh. Ix-xhud qal ukoll illi fil-jum ta' qabel, l-istess mara kienet hadet gakketta simili ghal gakketta tas-servizz, izda huwa rrifjuta d-dhul ta' din il-gakketta. Ukoll skond l-istess xhud, kemm kienet ilha mizmuma milli tidhol il-habs omm il-prigunier Alan Grima, kienet qeghda tmur mara ohra li ma kienx

[1] Esebita a fol. 137 tal-process verbal, li jinsab esebit a fol. 11 tal-process. Irid jinghad illi ghalkemm ix-Xjenzat Godwin Sammut ma kkonfermax ir-relazzjoni tieghu fil-mori ta' dawn il-proceduri, fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2011, gie vverbalizzat illi "*Dr. Ludwig Caruana ghall-imputata qieghed jezenta lill-prosekuzzjoni milli ttella' bhala xhieda lill-esperti mahtura fl-inkjesta*" (a fol. 32 tal-process).
[2] A fol. 69 *et seq* tal-process verbal.

jaf x'jisimha u ma kienx cert kinitx tmur ukoll mara ohra, apparti dik li hadet il-*quilt*.[3]

Fil-mori tal-inkjesta, fis-26 ta' Dicembru 2006, xehed ukoll **l-Assistent Maggur Franc Agius**[4], li spjega li huwa impjegat bhala Ufficjal tal-Habs, fis-sezzjoni debituri. Skond ix-xhud, il-Hamis filghodu (21 ta' Dicembru 2006), certu Carmen Grech hadet xi hwejjeg fis-sezzjoni debituri ghal Alan Grima, fosthom gakketta sewda simili ghal gakketta tas-servizz, liema gakketta huwa ma accettahiex u ghalhekk ghaddiha lura lill-istess Grech minghajr ma fittex fiha ghad-droga. L-ghada filghodu, il-Gimgha (22 ta' Dicembru 2006), ghall-habta tal-10.30 a.m. jew il-11.30 a.m. regghet marret Carmen Grech u hadet maghha *quilt*, *jeans* u xi kalzetti. Skond ix-xhud, dawn l-oggetti gew ezaminati fil-presenza tal-istess Grech, huwa fetaq il-parti fejn ikun hemm it-tabella tal-marka tal-*jeans*, fil-presenza wkoll ta' CO 171 Paul Borg Bonaci, izda ma sab xejn. Ukoll fil-presenza ta' Carmen Grech, il-*quilt* giet mifruxa mal-art, gabu l-kelb li xamm il-kutra, izda lanqas ma rrizulta xejn. Huwa halla lil Grech titlaq. Aktar tard ghall-habta tal-11.30 a.m. jew 11.40 a.m., CO 171 infurmah illi CO 180 Mario Ellul kien talbu biex jaghtih il-hwejjeg li kienu waslu ghal Grima sabiex dawn jergghu jigu ezaminati ghax fil-*quilt* kien hemm id-droga. Wara verifici li huwa ghamel immedjatament, huwa sar jaf li l-hwejjeg kienu ttiehdu gewwa Divizjoni 11, huwa mar hemm u sab lil ASCO Charles Cachia ma' xi ufficjali ohrajn, u staqsieh jekk kinux sabu xi haga. Dan urieh pakkett lewn ikhal li skond l-istess Cachia kien fih xi sustanza. Dak il-hin, ix-xhud stess ha l-*quilt* ghand PS 1404 Toni Cutajar gewwa l-ufficju tieghu. Il-pakkett tad-drapp infetah fil-presenza ta' PS 1404, ASCO Carmel Cachia u fil-presenza tax-xhud stess. Ukoll skond dan ix-xhud, Anna Grima, omm Alan Grima, kienet projbita li tidhol fil-habs u giet mizmuma milli taghmel dan fit-2 ta' Ottubru 1996.

---

[3] L-istess xhud xehed ukoll f'dawn il-proceduri ,(a fol. 65 *et seq* tal-process), izda stante illi ma hax notamenti dwar il-kaz, ftakar ftit li xejn. Qal biss illi huwa kien xoghol gewwa s-sezzjoni tad-debituri, li f'din is-sezzjoni jfittxu fl-oggetti kollha li jingiebu u li huma ppakkjaw il-*quilt* u ghamlulha l-isem ghal min kienet intiza. Irid jinghad ukoll illi d-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' x-xhieda kollha li xehdu fl-inkjesta (ara verbal a fol. 7 tal-process).

[4] A fol. 63 *et seq* tal-process.

L-espert Vincent Ciliberti, fil-mori tal-inkjesta, gabar ukoll ix-xhieda ta' **ASCO Carmel Cachia**, **CO 92 Ivan Bugeja** u **CO 180 Mario Ellul** konguntivament.[5] Stante illi din ix-xhieda ma ttehditx lill-imsemmija Ufficjali tal-Habs individwalment, il-Qorti m'hijiex qeghda tiehu konjizzjoni taghha. L-istess ufficjali tal-habs xehdu wkoll f'dawn il-proceduri. **CO 92 Ivan Bugeja** xehed[6] illi b'referenza ghall-incident in kwistjoni, huwa dakinhar kien xoghol u kien mar Alan Grima, prigunier u staqsieh ghal *quilt*. Dan staqsieh darbtejn, tlieta u ghalhekk gihom suspett. Meta saret tfittxija fil-*quilt*, huma sabu li f'parti minnha l-hjata kienet mod iehor u x'hin fethu l-hjata, fil-keffa sabu pakkett zghir. Huwa xehed illi l-*quilt* kien gabha CO 180 mis-sezzjoni tad-Debituri u li fil-hin tat-tfittxija kienu hu, l-Maggur Charles Cachia u CO 180. **CO 180 Mario Ellul** xehed[7] illi dakinhar huwa kien xoghol f'divizjoni 13, fejn il-prigunier Alan Grima beda jistaqsi hafna ghal *quilt*. Huwa tkellem mal-Maggur Charles Cachia dwar dan u ddecidew li qabel jghadduha lil Grima, jiccekkjawha. Ix-xhud jghid illi mar igib il-*quilt* mid-debituri fejn giet moghtija lilu mill-Ufficjal Bonaci u nizzilha hdejn il-Maggur, fil-*quilt* raw bicca hjata li ma kinitx bhal bqija, fethu din il-bicca fil-*quilt* u sabu pakkett li kien fih sustanza kannella. **Il-Maggur Carmel Cachia** xehed darbtejn f'dawn il-proceduri.[8] Huwa qal illi dak iz-zmien kien Maggur stazzjonat f'Divizjonijiet 11, 12 u 13, ghalkemm huwa jkun fid-Divizjoni 11. Dakinhar kienet dahlet *quilt* fid-debituri u l-prigunier Alan Grima, flimkien ma' prigunieri ohrajn, bdew jaghmlu enfasi fuq din il-*quilt*. Ghalhekk stante illi dahallu suspett li l-*quilt* seta' kien fiha xi haga, huwa ta ordni li l-*quilt* tigi ccekkjata fil-*guard room* tad-divizjoni. Fi kliem, ix-xhud u b'referenza ghal Alan Grima – "*riedha bilfors din il-quilt*"[9]. Regghu ccekjawha u peress illi ra bicca hjata differenti mill-bqija[10], fethuha u fl-inforra tal-*quilt* sabu pakkett li kien fih sustanza suspettuza. Dan gie mghoddi lill-Pulizija. Ix-xhud ikkonferma wkoll illi l-esebit formanti parti mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut kien proprju dak li nstab fil-*quilt* in kwistjoni.

---

[5] A fol. 53 *et seq* tal-process.
[6] A fol. 33 *et seq* tal-process.
[7] A fol. 39 *et seq* tal-process.
[8] A fol. 45 *et seq* tal-process u a fol. 58 *et seq* tal-process.
[9] A fol. 60 tal-process.
[10] Ix-xhud jispjega dan billi jghid illi din il-parti kienet mehjuta bl-idejn u ma kinitx hjata tal-fabbrika.

Fil-mori tal-inkjesta u f'dawn il-proceduri, xehdet **Anna Grima**. Fix-xhieda taghha[11] tat-23 ta' Dicembru 2006[12], fl-istadju tal-inkjesta, hija qalet illi fil-ghodu ghall-habta tal-10.00 a.m., hija giet murija *quilt* mill-Ispettur Dennis Theuma gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija, u li hija gharfet din il-*quilt* u spjegat illi din kienet bghatitha l-habs ma' Carmen Grech, flimkien ma' *jeans.* Qalet illi taf lil Grech ghaliex din kienet tabita ma' binha Alan u li kienet ilha tafha xi ghoxrin sena ghaliex ohtha mizzewga lil hu Carmen Grech. Qalet ukoll illi ghamlet zmien ma kinitx titkellem ma' Grech, izda xi tliet xhur qabel cemplilha Alan u qalilha biex tibda tibghatlu l-hwejjeg ma' Grech. Ix-xhud qalet illi zewgha ma kienx ihalliha tersaq lejn il-habs u ghalhekk kienet tibghat l-affarijiet lil uliedha Alan u Amadeo, ma' certa Katlyn Mulvaney. Peress illi dehrilha li din Mulvaney bdiet tiddejjaq, binha Alan qalilha li kien ser icempel lil Grech biex tibda tghaddi ghand ix-xhud biex twassallu l-hwejjeg. Wara qalet illi apparti li zewgha kien jinsisti li hi ma tersaqx lejn il-habs, hija giet mizmuma milli taghmel zjarat fil-habs b'ordni tad-Direttur tal-Habs, li nghatat fl-istess sena ghalkemm ma kinitx tiftakar ix-xahar. Qalet illi fl-ahhar tliet xhur, hija talbet lil Grech sabiex tiehu l-hwejjeg lil Alan xi tlieta jew hames darbiet. Qalet illi wara li Alan kien icempel lilha, kienet hi stess li kienet iccempel lil Grech sabiex twassal il-hwejjeg lil Alan. Qalet ukoll illi l-Hamis, hija baghtet xi hwejjeg ma' Grech, izda dakinhar stess, Alan infurmaha li l-gwardjani kienu rrifjutaw il-gakketta li kienet baghtitlu. Hija cemplet lil Grech, qaltilha b'dak li saret taf minghand binha u din haditilha l-gakketta lura fis-7.00 p.m. tal-Hamis. Ikkonfermat illi l-*quilt* kienet taghha, li kienet ilha ghandha xi sentejn u li qatt ma harget mid-dar, hlief fil-jum ta' qabel. Ix-xhud qalet illi fil-jum ta' qabel (ossia l-Gimgha 22 ta' Dicembru 2006), hija cemplet lil Grech xi t-8.30 a.m. u ftit wara, ghall-habta tad-9.15a.m. jew id-9.30 a.m., semghet il-*horn* tal-vettura ta' Grech fit-triq u harget tnewwlilha l-hwejjeg ossia l-*quilt* u l-*jeans* f'basket tal-karti. Qalet illi ma tafx thit, izda kapaci taghmel keffa u mistoqsija jekk kinitx taf li fil-*quilt* li bghatet ma' Grech, lil binha, kienx hemm id-droga, hija qalet li ma taf b'xejn.

---

[11] A fol. 56 *et seq* tal-process verbal.

[12] Ghalkemm id-data ta' din ix-xhieda hija ndikata bhala s-Sibt, 22 ta' Dicembru 2006, jirrizulta car illi d-data effettivament kienet it-23 ta' Dicembru 2006 ossia l-ghada li giet misjuba s-sustanza fil-*quilt*, tant illi fix-xhieda taghha hija tirreferi ghall-jum ta' qabel bhala l-jum li fih hija tat il-*quilt* in kwistjoni lill-imputata.

F'dawn il-proceduri, imbaghad, l-istess Anna Grima[13] xehdet illi fiz-zmien in kwistjoni hija kienet bghatet lill-imputata bil-hwejjeg ta' binha, Alan Grima u b'*quilt*. Qalet illi l-*quilt* kienet ilha ghandha u tatha lill-imputata biex iddahhalha ghal binha Alan. Hija ma kinitx tuza l-*quilt*, izda kienet fid-dar taghha. Qalet li ma kellhiex is-sengha tal-hjata u ma tinqalax fil-hjata u safejn kienet taf hi, il-*quilt* ma kien fiha xejn. Lanqas ma kienet taf jekk xi hadd kienx qieghed xi haga fil-*quilt* u hija kienet ghaddiet il-*quilt* direttament lill-imputata. Qalet illi hija ma setghetx tmur gewwa l-habs b'dawn l-affarijiet ghaliex kellha ordni mid-Direttur tal-Habs biex ma tmurx, ghaliex qabel kellha kaz iehor. Meta murija r-ritratti esebiti a fol. 148 tal-process verbal, ossia r-ritratti tal-borza tad-drapp li skond ix-xhieda precedenti kienet tikkontjeni s-sustanza misjuba, hija qalet illi ma kinitx taf x'inhuma, li hija ma kellhiex x'taqsam u li ma kienet tefghet xejn fil-*quilt.*

**L-imputata** irrilaxxjat stqarrija fl-24 ta' Dicembru 2006[14] wara li nghatat is-solita twissija li ma kinitx obbligata li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq taghmel dan, imma dak li tghid jista' jingieb bhala prova. L-imputata qalet illi hija kienet ilha taf lil Anna Grima ghal diversi snin u li oht Grima mizzewga lil huha. Qalet ukoll illi qabel Alan Grima dahal il-habs, hija kienet ghamlet xi sena u tliet xhur tabita mieghu, izda r-relazzjoni taghhom spiccat hekk kif dahal il-habs. L-imputata tghid illi l-Hamis ta' qabel (fil-21 ta' Dicembru 2006), hija giet mitluba minn Anna sabiex tiehu xi hwejjeg, inkluz gakketta stil *army* lil Alan, gewwa l-habs. Gewwa l-habs, din il-gakketta giet irrifjutatha u giet moghtija lura lilha. Hija tghid illi hekk kif dahlet fil-karozza, cemplilha Alan Grima u ghamlilha premura biex tiehu l-gakketta lura lil ommu mill-aktar fis possibbli. Ftit tal-hin wara, cemplitilha wkoll Anna Grima, staqsietha dwar il-gakketta u hi wegbitha li meta jkollha cans tehodielha lura. Mistoqsija kinitx taf illi Anna Grima kienet giet investigatha mill-Pulizija dwar allegazzjonijiet li ppruvat iddahhal id-droga il-habs ghal uliedha, wiegbet li Anna kienet qaltilha li l-pulizija hasbu li kienet ser iddahhal xi droga, izda hija ma tantx tat kaz. Qalet

[13] A fol. 23 *et seq* tal-process.

[14] A fol. 4 tal-process. Fis-seduta tad-19 ta' Frar 2009, id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq xhieda dwar l-identita` tal-imputata ghall-fini tal-istqarrija rilaxxjata minnha (ara verbal a fol. 7 tal-process). In ogni caso, fix-xhieda tieghu, l-Ispettur Dennis Theuma kkonferma li l-istess stqarrija giet rilaxxjata mill-imputata volontarjament u fuqha gharaf il-firma tal-istess imputata (a fol. 15 tal-process). L-imputata stess ikkonfermat il-kontenut tal-istqarrija taghha waqt ix-xhieda taghha f'dawn il-proceduri.

ukoll illi kien biss fil-jum ta' qabel illi saret taf illi Anna Grima kienet mizmuma milli tidhol il-habs u li lilha ma kinitx qaltilha. Qalet ukoll illi jumejn qabel (u cioe` fit-22 ta' Dicembru 2006), ghall-habta tad-9.30 a.m. cemplitilha Grima u talbitha taghmlilha pjacir bhas-soltu billi ttella' *quilt* u *jeans* lil binha Alan u hi accettat, izda ma kinitx taf illi fil-*quilt* kien hemm xi haga ohra, ghaliex kieku zgur ma kinitx taccetta li taghmel dan u li ma riditx inkwiet. Qalet illi Anna kienet baghtitha l-habs xi hames darbiet. Qatt ma hasbet dwar ir-raguni ghaliex Anna kienet tibghat lilha u mhux xi hadd mill-familjari taghha. Innegat ukoll illi kien hemm okkazzjonijiet precedenti li fihom ippruvat iddahhal id-droga u qalet li kienet taf li Alan u Amadeo Grima kienu qeghdin il-habs fuq serq biex jixtru d-droga.

L-imputata xehdet kemm fl-istadju tal-inkjesta[15], kif ukoll f'dawn il-proceduri[16]. Quddiem l-espert tekniku, l-imputata qalet illi dakinhar stess ghall-habta tad-9.30 a.m., cemplitilha omm il-prigunier Alan Grima u cioe` Anna Grima u qaltilha biex tehodlu xi hwejjeg u cioe` *quilt* u *jeans*. Qalet illi Alan Grima kien icemplilha regolarment, gieli darbtejn kuljum u dan ghaliex l-istess Alan Grima u hi kienu jghixu flimkien sakemm intbaghat il-habs. Fir-rigward tal-*jeans* u l-*quilt* tghid illi l-ewwel li cemplitilha biex tehodhom kienet omm Alan u immedjatament wara cemplilha Alan li qalilha biex tehodlu l-*quilt* u l-*jeans.* Din ma kinitx l-ewwel darba illi hija hadet hwejjeg lil Alan gewwa l-habs u kienet dejjem omm Alan li kienet titlobha biex tehodlu l-affarijiet. L-ahhar li haditlu l-hwejjeg kien fil-jum ta' qabel, wara nofsinhar u li kienet cemplitilha Anna Grima. Fl-ahhar xahar kienet haditlu l-hwejjeg xi hames darbiet. Gieli Anna Grima kienet titlobha biex tiehu l-hwejjeg anke lil Amadeo Grima, hu Alan, li wkoll kien il-habs. Qalet illi dakinhar stess, wara li filghodu cemplitilha Anna Grima, hija marret ghandha, din Grima tatha l-hwejjeg u hija baqghet sejra bihom il-habs dak il-hin stess, minghajr ma waqfet imkien. Qalet li kien biss f'dan l-ahhar xahar li Grima bdiet iccemplilha sabiex tiehu l-hwejjeg lil uliedha u li dan ghamlitu bi pjacir lil Anna Grima. Hija qalet li ma kinitx taf bil-possibilita` li kien hemm xi droga fil-*quilt* jew fil-*jeans.*

[15] A fol. 48 *et seq* tal-process verbal. Ghalkemm skond ir-relazzjoni tal-espert, din ix-xhieda ttiehdet nhar il-Gimgha, 21 ta' Dicembru 2006, huwa evidenti anke mill-kontenut tax-xhieda stess illi din ittiehdet nhar il-Gimgha, 22 ta' Dicembru 2006.
[16] A fol. 76 *et seq* tal-process.

Fid-deposizzjoni taghha f'dawn il-proceduri, l-imputata xehdet illi hija kienet ghamlet madwar sitt xhur f'relazzjoni ma' Alan Grima, izda meta dahal il-habs, hija temmet ir-relazzjoni taghhom. Kien icemplilha ghand ommha u kien jghidilha li ser ipattihielha. Qalet li ghaddew xi tliet xhur u cemplitilha ommu, Anna Grima, li qaltilha biex taghmlilha pjacir ghaliex ir-ragel kellu l-karozza bil-hsara u talbitha biex tihdilha *quilt* gewwa l-habs. Peress illi dak iz-zmien, hija wkoll kienet tmur tara lil binha gewwa l-habs u anke ghaliex oht Grima mizzewga lil huha, hija ghamlitilha pjacir u accettat. Qalet illi kieku kienet taf x'fiha l-*quilt* hija ma kinitx iddahhalha. Qalet illi Grima cemplitilha xi l-10:00 a.m., hija marret ghal *quilt* id-dar ta' Grima u dahhlitha l-habs xi l-10:30 a.m., hallietha hemmhekk u sussegwentement giet arrestata xi l-4:00 p.m. Qalet illi hija tatha lill-gwardjani li ccekkjawha dak il-hin stess u qalulha li setghet titlaq. Ix-xhud ftakret ukoll illi hija kienet qalet lill-Ufficjal Investigatur illi tlett ijiem qabel kienu tawha gakketta qisha tas-suldati, flimkien ma' hwejjeg ohrajn u marret bihom. Il-gwardjani tal-habs ma accettawx li thalli l-gakketta, hija marret id-dar u halliet il-gakketta fil-karozza ghax ma tatx kaz. Anna Grima bdiet iccemplilha u tiffittaha ghall-gakketta u talbitha tehodilha lura. In kontro-ezami, qalet illi hi tat il-gakketta lura lil Anna. Qalet illi Anna gieli kienet thit quddiemha u li kellha magna tal-hjata. L-imputata kkonfermat l-istqarrija li hija kienet irrilaxxjat bil-gurament u qalet illi lil Amadeo Grima qatt ma dahhlitlu hwejjeg, izda kienet iddahhal hwejjeg lil Alan. Qalet illi hija ma kinitx taf li kien hemm id-droga fil-*quilt* meta dahhlitha l-habs. L-imputata qalet ukoll illi qabel il-jum in kwistjoni, hija qatt ma kienet twaqqfet mill-ufficjali tal-habs meta dahhlet il-hwejjeg u li qatt ma nstab xejn fihom. Qalet illi hija qatt ma staqsiet lil Anna ghalfejn ma kinitx tmur hija stess bl-affarijiet li kienet taghtiha. Qalet ukoll illi kienet semghet illi Anna Grima kienet ippruvat iddahhal id-droga l-habs lit-tfal, izda dak iz-zmien hija ma kinitx tkellimhom. Wara meta Anna regghet bdiet iccemplilha biex taghmlilha pjacir, hija ma tatx kaz u accettat u dahhlet il-*quilt.* Qalet li Anna qatt ma tatha xejn ghal dan il-pjacir u qalet ukoll li ma tafx thit.

Fil-process verbal, mar-relazzjoni tal-espert tekniku Vincent Ciliberti, giet esebita wkoll *inter alia compact disk*, Dok. VEC 2, li skond l-istess relazzjoni,

tikkonsisti fir-registrazzjoni ta' diversi telefonati maghmula mill-prigunier Alan Grima bejn id-19 ta' Dicembru 2006 u t-22 ta' Dicembru 2006. Madankollu, la fl-istadju tal-inkjesta u lanqas waqt dawn il-proceduri ma gie kkonfermat il-kontenut ta' din il-*compact disk* fis-sens illi ma tressaq l-ebda xhud sabiex jikkonferma li kien hu li hejja l-istess *compact disk* u li ghaddiha lill-espert tekniku (li da parti tieghu lanqas ma jindika l-persuna jew l-ufficjal li ghaddiha lilu) u izjed minn hekk sabiex jikkonferma illi din tikkontjeni r-registrazzjoni tat-telefonati maghmula mill-prigunier Alan Grima. Ghaldaqstant, il-Qorti ma tqisx dawn ir-registrazzjonijiet u tat-traskrizzjoni tal-istess bhala prova ammissibbli. L-istess jinghad dwar id-dikjarazzjoni maghmula minn CO 11 Mark Spiteri lill-espert tekniku (ara a fol. 41 tal-process verbal), liema dikjarazzjoni ma ttehditx bil-gurament u ghaldaqstant il-Qorti tqis illi din m'hijiex prova ammissibbli.

**Ikkunsidrat ukoll:**

M'hemmx dubju mill-provi mressqa illi l-*quilt* in kwistjoni kienet tikkontjeni d-droga eroina u li din il-*quilt* iddahhlet gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u thalliet fis-sezzjoni tad-Debituri, mill-imputata odjerna. Kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnha, kif ukoll fid-deposizzjonijiet taghha, fl-istadju tal-inkjesta u anke f'dawn il-proceduri, l-imputata tammetti illi l-istess *quilt* iddahhlet minnha gewwa l-imsemmija facilita` ghall-prigunier Alan Grima u li din inghatat lilha minn omm Alan Grima, ossia Anna Grima. L-istess Anna Grima, li xehdet kemm fil-mori tal-inkjesta, kif ukoll f'dawn il-proceduri tikkonferma illi kienet hija li ghaddiet din il-*quilt* lill-imputata, ghalkemm tghid illi hija ma poggiet l-ebda droga f'din il-*quilt* u li ma kinitx taf li fil-*quilt* kien hemm id-droga.

Fil-fatt id-difiza m'hijiex qeghda tikkontesta illi kienet l-imputata li dahhlet il-*quilt* in kwistjoni gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, izda tikkontesta x-xjenza tal-imputata li fl-istess *quilt* kien hemm id-droga eroina. Skond id-difiza, l-imputata ma kinitx taf illi l-*quilt* in kwistjoni kienet tikkontjeni d-droga eroina u ghaldaqstant la tista' tinstab hatja tal-pussess tad-droga bl-aggravanti u lanqas li dahhlet l-istess droga gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

Sussidjarjament, id-difiza tikkontedi wkoll illi d-droga nstabet fl-istess *quilt* wara li diga` kienet saret tfittxija fuqha fil-presenza tal-imputata, anke b'kelb tax-xamm, f'liema mument ma nstab xejn, u kien biss wara, meta l-imputata kienet diga` telqet mill-facilita` u meta saret tfittxija ulterjuri, li nstabet din id-droga. Skond id-difiza, dan ukoll ghandu jwassal ghal dubju ragjonevoli dwar l-involviment tal-imputata f'dan il-kaz.

M'hemmx dubju illi z-zewg reati addebitati lill-imputata f'dawn il-proceduri ma jirrikjedux biss l-att materjali ossia f'dan il-kaz, il-pussess tad-droga f'cirkostanzi li juru li din ma kinitx intiza ghall-uzu esklussiv tal-pussessur u d-dhul tal-istess droga gewwa l-habs, izda wkoll l-att formali jew ix-xjenza fl-agent.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maizuki Hachemi Beya, bint Abdellatif** tas-16 ta' Frar, 1998 inghad hekk:

*"Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma xjentement", fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar minn "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), Kap 101) "ikun fil-pussess" (regola 8, A.L. 292/1939), "jimporta" (artikolu 15A (1), Kap 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id-disposizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux semplicement ta' reati kolpuzi. Il-legislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdlu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26(1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew dahhlitha xjentement, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova (imqar fuq bazi ta' probabbilita`) kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skond l-artikolu 26(2) ta' l-imsemmi artikolu 26 (ara, f'dan is-sens, is-segwenti sentenzi: P vs Charles Clifton, 5/7/82, P vs Martin Xuereb, 20/9/96, P vs Seiffedine Mohamed Marshan, 21/10/96, u P vs John Borg, 23/6/97, kollha appelli kriminali)."*

Issa f'dan il-kaz, jirrizulta car illi l-imputata kellha fil-pussess taghha (izda zgur mhux esklussivament) il-*quilt* in kwistjoni, ghalkemm ghal perjodu qasir u cioe` mill-hin illi hija gabritha mid-dar ta' Anna Grima sal-hin li hija dahhlitha gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. Skond ix-xhieda moghtija kemm mill-imputata nnifisha, kif ukoll minn Anna Grima u anke mill-Ufficjali tal-Habs CO 171 Borg Bonaci u l-Assistent Maggur Franc Agius, jirrizulta illi l-imputata gabret il-*quilt* minghand Grima ghall-habta tad-9.30 a.m./10.00 a.m. u li ghall-habta tal-10.00a.m./10.30a.m. hija dahhlitha gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin. L-imputata stess tghid illi hija baqghet sejra dritt il-habs bl-oggetti li nghataw lilha minn Anna Grima u fil-fatt il-hinijiet li jirreferu ghalihom ix-xhieda hawn fuq imsemmija jikkonfermaw dan. F'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti tiddubita ferm kemm l-imputata kellha l-hin sabiex tiftah il-hjata tal-*quilt* moghtija lilha, tqieghed id-droga u terga' taghlaq l-istess *quilt*. Irid jinghad ukoll, f'dan il-kuntest, illi l-Ufficjali tal-Habs indunaw illi l-hjata tal-*quilt* kienet differenti f'dik il-parti fejn attwalment instabet id-droga eroina, biss wara li flewha sew it-tieni darba u dan wara s-suspett li qajjem fihom il-prigunier Alan Grima. Ghalhekk ix-xoghol fuq il-*quilt* ma kienx wiehed ta' kafkaf u li seta' sar f'temp ta' kwarta.

Ghalkemm lanqas ma hemm dubju illi fl-istess *quilt* instabet id-droga eroina, jirrizulta illi din id-droga ma nstabitx mal-ewwel tfittxija li saret fuq l-istess *quilt* hekk kif l-imputata dahhlitha fil-habs, izda nstabet mat-tieni tfittxija wara li l-imputata diga` kienet telqet mill-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u ghalhekk id-difiza tissottometti illi anke dan ghandu jixhet dubju dwar jekk id-droga kinitx fil-*quilt* fil-mument li l-imputata dahhlitha fil-facilita`. Veru illi l-ewwel tfittxija li saret fuq il-*quilt*, inkluz b'kelb tax-xamm, tat ezitu negattiv u veru wkoll illi d-droga nstabet fil-*quilt* wara li l-imputata diga` kienet telqet mill-facilita`. Veru wkoll illi x-xhieda ta' CO 171 Borg Bonaci fis-sens illi CO 180 Mario Ellul qallu biex jaghtih il-hwejjeg li dahhlet l-imputata, inkluz il-*quilt* u biex ma jghidx b'dan lill-Magguri responsabbli mis-sezzjoni tad-Debituri tista' tqajjem suspett dwar kif sussegwentment instabet id-droga fil-*quilt* wara t-tieni tfittxija. Biss il-Qorti tikkunsidra li jirrizultaw varji cirkostanzi, mill-provi, li ma juru lil hinn minn kull dubju ragjonevoli illi d-droga kienet fil-*quilt* fil-mument li din iddahhlet fil-facilita`. Fl-ewwel lok, mill-hinijiet u l-istadji li jindikaw ix-xhieda, inkluz l-imputata, Anna Grima, CO 171 Borg Bonaci u l-Assistent Maggur Franc Agius, ossia l-hin li l-imputata gabret il-*quilt* minghand Grima, il-hin li fih hija dahhlitha l-habs, l-istadju li fih CO 180 Mario Ellul staqsa lil CO 171 Borg Bonaci

ghall-*quilt*, l-istadju li fih instabet id-droga u l-hin li l-Maggur Franc Agius jindika bhala l-hin li huwa gie infurmat b'dak li kien qed isehh minn CO 171, jindikaw ilkoll illi ma kienx hemm xi tul ta' hin minn meta l-imputata dahlet fil-habs bil-*quilt* sa x'hin instabet id-droga eroina fiha. Kif inghad izjed 'il fuq, ix-xoghol fuq il-*quilt* sabiex tqeghdet id-droga ma jidhirx li kien wiehed manifestament apparenti u li seta' sar fil-facilita` stess f'temp qasir. In oltre inghatat raguni specifika mill-Ufficjali kollha tal-habs li xehdu dwar is-sejba tad-droga fil-*quilt* ghaliex CO 180 kien talab il-*quilt* in kwistjoni minghand CO 171 u li in oltre dan huwa ma kienx ghamlu kapriccozament, izda ghaliex kien ordnalu li jaghmel dan il-Maggur Cachia. Il-Qorti ma tafx u ma tistax tghid ghalfejn CO 180 qal il-kliem irrapportat minn CO 171 meta dan talbu l-oggetti ghall-prigunier Grima, u cioe` illi huwa ma kellux jghid lill-Magguri l-ohrajn, izda jirrizulta car illi huwa talab l-oggetti fuq ordni tal-Maggur Cachia, li kkonferma huwa stess li kien baghat lil CO 180 ghalihom fis-sezzjoni tad-debituri. In oltre jirrizulta wkoll illi r-raguni ghal din l-ordni kienet wahda ferm gustifikata ghaliex inghatat wara suspett imqajjem mill-prigunier Alan Grima stess li baqa' jinsisti mal-istess Ufficjali tal-habs sabiex jinghata din il-*quilt*, ghalkemm kif innota l-Maggur Cachia fix-xhieda tieghu, ma kienx hin l-irqad. L-insistenza ta' Grima li tant kienet evidenti li l-Maggur Cachia testwalment jghid b'referenza ghal Grima illi "*riedha bilfors din il-quilt*" lanqas ma thalli dubju illi Grima kien ben konxju tal-fatt illi fil-*quilt* kien hemm id-droga u kien ghalhekk li tant insista ghaliha. Skond il-Maggur Cachia anke prigunieri ohrajn bdew jitolbu li tingab din il-*quilt*, ghalkemm l-insistenza kienet gejja l-izjed minn Grima, u zgur ghalhekk illi dawn ilkoll flimkien ma riduhiex ghall-uzu normali li din il-*quilt* kienet toffri. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti m'ghandhiex dubju illi d-droga eroina kienet diga` tinsab fil-*quilt* mad-dahla taghha fil-facilita`.

Madankollu, l-Qorti tikkunsidra wkoll illi sa mill-bidu nett, l-imputata dejjem cahdet kategorikament illi hija kienet taf illi fil-*quilt* in kwistjoni kien hemm id-droga u kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnha, kif ukoll fid-deposizzjonijiet taghha, il-verzjoni taghha dejjem baqghet wahda konsistenti, salv ghal xi dettalji dwar zmien u dettalji ohrajn zghar li m'humiex daqstant relevanti u li dwarhom jista' jkun ukoll illi l-imputata kienet inkonsistenti minhabba t-trapass taz-zmien u dan stante illi ghaddew seba' snin miz-zmien li fih sehhew il-fatti mertu ta' dan il-kaz u d-data li fiha hija xehdet quddiem din il-Qorti. Il-Qorti kellha wkoll l-opportunita` li tifli direttament il-komportament tal-imputata

meta hadet il-pedana tax-xhieda u setghet tinnota li l-imputata kienet tidher genwina u li l-verzjoni taghha, apparti li kienet konsistenti, kienet ukoll kredibbli u attendibbli. Veru illi certu cirkostanzi setghu jqajjmu suspett f'mohh l-imputata bhal per ezempju illi l-imputata kienet precedentement tabita ma' Alan Grima u kienet taf li huwa kien qieghed il-habs dwar serq sabiex jiffinanzja l-vizzju tad-droga, li kienet semghet minghand in-nies jew Grima stess kienet qaltilha li kien hemm xi allegazzjonijiet li Grima ppruvat iddahhal id-droga l-habs u li f'dik il-gimgha, Grima talbitha sabiex tiehu l-hwejjeg lil binha jumejn fuq xulxin, izda ma jirrizulta minn imkien illi dawn ic-cirkostanzi attwalment qajjmu suspett fl-imputata, apparti illi l-ligi ma tirrikjedix sempliciment is-suspett, izda x-xjenza u cioe` l-konsapevolezza proprja. Wara li fliet l-atti diversi drabi u wara li qieset ic-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti jidhrilha illi zgur ma tistax tasal sal-grad tac-certezza morali, illi l-imputata kienet konsapevoli illi fil-*quilt* in kwistjoni kien hemm id-droga u li ghalhekk hija kellha dik ix-xjenza rikjesta mil-ligi. Ghalhekk la tirrizulta sodisfacentement ippruvata l-ewwel imputazzjoni u lanqas it-tieni imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u qeghda tilliberaha minnhom.

Il-Qorti m'hijiex tordna d-distruzzjoni tad-droga u dan in vista tat-talba tal-Ufficjal Prosekutur li din ma tigix distrutta.[17]

[17] Ara verbal a fol. 98 tal-process.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------